

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 734/2007

tal-11 ta' Ġunju 2007

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1883/78 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-finanzjament ta' l-interventi mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija, Taqsima Garanzija

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 37(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Għal operazzjonijiet ta' intervent li għalihom ma ġie stabbilit ammont ta' unità mir-regoli ta' organizzazzjoni tas-suq, ġew stabbiliti regoli ta' finanzjament Komunitarji bażiċi mir-Regolament (KEE) Nru 1883/78 ⁽²⁾, b'mod partikolari dwar il-metodu ta' stabbiliment ta' l-ammonti li għandhom ikunu ffinanzjati, il-finanzjament tan-nefqa li tirriżulta mir-rabta tal-fondi meħtieġa għal xiri b'intervent, il-valutazzjoni ta' ħażniet li għandhom jiġu trasferiti minn sena għal oħra u l-finanzjament tan-nefqa li tirriżulta mill-operazzjonijiet fiżiċi tal-ħażna.
- (2) L-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1883/78 jipprevedi li t-taxxi imposti fuq l-imgħax li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri fil-mobilizzazzjoni tal-fondi użati għax-xiri ta' prodotti ta' intervent pubbliku għandhom ikunu ffinanzjati mill-Komunità b'rata ta' imgħax uniformi.
- (3) Jista' jidher li f'ċerti Stati Membri x-xiri ta' prodotti agrikoli b'intervent pubbliku jista' jkun iffinanzjat biss b'rati ta' imgħax li huma sostanzjalment ogħla mir-rata ta' imgħax uniformi.
- (4) Meta, ftali każijiet, il-medja tar-rati ta' imgħax, matul it-tielet xahar wara l-perijodu ta' referenza użat għall-istabbiliment tar-rata ta' imgħax uniformi mill-Kummissjoni,

hija aktar mid-doppju tar-rata ta' imgħax uniformi għal Stat Membru partikolari, għandu jsir provvediment biex jiġi applikat mekkaniżmu ta' korrezzjoni. Din il-medja tar-rata ta' imgħax għandha madankollu titħallas mill-Istat Membru kkonċernat sabiex ikun imħeġġeġ li jsib il-metodu ta' finanzjament l-anqas għali.

(5) Ir-Regolament (KEE) Nru 1883/78 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

(6) Din l-emenda għar-regoli għandha titwettaq għas-snin finanzjarji 2007 u 2008 u għandha tapplika mill-bidu tas-sena ta' kontabilità preżenti,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1883/78 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, jekk il-medja tar-rata ta' imgħax imħallsa minn Stat Membru matul it-tielet xahar wara l-perijodu ta' referenza użata għall-istabbiliment tar-rata ta' imgħax uniformi mill-Kummissjoni tkun aktar mid-doppju tar-rata ta' imgħax uniformi, il-Kummissjoni tista', għas-snin finanzjarji 2007 u 2008, fil-finanzjament ta' l-ispejjeż ta' l-imgħax imħallsa minn dak l-Istat Membru, tkopri l-ammont li jikkorrispondi mar-rata ta' imgħax imħallsa minn dan l-Istat Membru nieqes ir-rata ta' imgħax uniformi."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika għal inqas mill-1 ta' Ottubru 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 11 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

H. SEEHOFER

⁽¹⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Marzu 2007 (għadha mhijiex ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*).

⁽²⁾ ĠU L 216, 5.8.1978, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 695/2005 (ĠU L 114, 4.5.2005, p. 1).